**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 17 ta' Ottubru, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Ian. J. Abdilla)**

**-vs-**

**Etienne Zammit detentur tal-Karta tal-Identità bin-numru 70678(M)**

Kumpilazzjoni Nru. 502/08

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Etienne Zammit, talli:

F'Diċembru 2007 u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żmenijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda –

1. appropja ruħu billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna/i oħra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), għad-dannu ta' R&G DVD Enterprises (Ħal Qormi) u ta' Raymond Calleja u George Galea, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu lill jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat;
2. Sar reċidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

3. Kiser ukol diversi ordnijiet ta' probation hekk kif ikkontemplat b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrat (Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tornda wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebit.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat/i għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-1 ta' Gunju, 2009,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' Dicembru, 2007, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-18 ta' Frar, 2016.

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'approprijazzjoni indebita ta' flejjes provvenjenti minn distribuzzjoni fi hwienet ta' DVDs. Hu kien ilu impjegat ma R&G, DVD Enterprises Ltd. sa mil-2004 u xogholu kien li jqassam id-DVDs u jigbor flejjes minghand il-hwienet. Fl-2007 gie nnutat li klijenti li kien jiehsu hsiebhom l-imputat kellhom diversi kontijiet pendenti izda meta tkellmu maghhom dawn qalu lill-parte leza li l-flus kienu ghaddewhom lill-imputat. Dawn il-flejjes baqaw ma marrux ghan il-parte leza. Wara ezercizju li sar fi Frar 2007, fuq *invoices* pendenti, rrizulta li kienu ghad fadalhom jigbru LM9606, inkluza s-somma ta LM1945.50c li l-imputat kien qal li kien tilifhom waqt li kien xoghol. Il-lista relativa ta' dawn l-*invoices* hi esebita bhala Dok. IA.[2]

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi sottolinejat li din il-Qorti qed tiskarta ghal kollox l-istqarrija tal-imputat u dan fid-dawl ta' gurisprudenza ricenti. Dan minkejja li ma

---

[1] Fol.359A,
[2] Fol.22-28

saret ebda ammissjoni minnu. Kif irriteniet l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**[3]:

"Illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja gie estiz mill-gurisprudenza ewropeja mhux biss ghal jedd li ghalih hija intitolata l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali fil-qorti izda ukoll ghal hekk imsejjah *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dina l-fehma ghalhekk tfisser illi l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assientenza legali ghandu isib applikazzjoni anke fl-istadju ta'l-interrogazzjoni tal-persuna suspettata......

Issir riferenza ukoll ghal dak dikjarat mill-Qorti Kriminali[4]:

"........din il-Qorti ma tistax tinjora principju ormai stabbilit mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika mhux biss tul l-*iter* tal-proceduri penali fil-qorti, izda fuq kollox ghandu isib applikazzjoni u ghalhekk jigi estiz ghal hekk imsejjah *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali ta'l-interrogazzjoni. Sabiex dana id-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji id-difiza taghha. Dana huwa vitali billi fis-sistema penali taghna fejn il-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha.

Il-Qorti Kostituzzjonali, madanakollu kienet recentement ziedet linji gwida ohra ghal gudikant li ikollu f'idejh id-decizjoni dwar jekk ghandux jiehu kont ta' stqarrija tal-interrogat bhala prova in atti sabiex jasal ghal gudizzju tieghu. Gie deciz illi fuq kollox ghandu jittiehed kont tal-fattispecje ta' kull kaz fost ohrajn il-vulnerabbilita tal-persuna li tkun qed tigi interrogata (fosthom l-eta, il-precedenti penali) l-jedd li l-persuna interrogata kellha biex tibqa' siekta u ma twegibx ghal dawk il-mistoqsijiet li jistghu jinkriminawh, l-inattivita da parti ta'l-akkuzat milli jipprova jattakka l-validita ta'l-istqarrija tieghu mill-bidunett tal-proceduri, l-provi l-ohra li hemm fl-atti, fost ohrajn. Dan il-hsieb izda gie mibdul mill-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza recenti fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et** deciza fit-03 ta' Mejju 2016 fejn inghad hekk:

**Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni tagħha, għalkemm ittenni li għadha tal-fehma illi hija interpretazzjoni sostenibbli u ta' buon sens.**

U ghalhekk wasslet ghad-decizjoni illi fid-dawl tal-gurisprudenza recenti koncernanti s-sitwazzjoni legali f'Malta qabel l-emendi li dahhlu fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010:

**".... il-Qorti ssib li kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-istess Konvenzjoni fis-sens li ma nghatatx l-assistenza legali qabel jew waqt l-interrogazzjoni tal-appellant mill-pulizija."**

Issa xi ighidu dawn id-decizjoni recenti[5] moghtija mill- Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem?

Illi f'decizjoni recenti[6] moghtija mill- Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem gew affermati il-principji generali li ghandhom jigu sewgieti mill-qrati meta inghad:

---

[3] Seduta tal-25 ta' Frar 2016, Appell numru 405/2014. Onor Imhallef Dr Edwina Grima

[4] Decizjoni fuq Eccezzjonijiet Preliminari. Att t'Akkuza 17/2014 fl-ismijiet Ir-Repubbika ta' Malta vs Ramon Fenech. 02.06.2016

[5] Mario Borg vs Malta 37537/13 12/01/2016

[6] Mario Borg vs Malta 37537/13 12/01/2016

**"Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.**

**The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6."**

Il-Qorti iddecidiet illi l-fatt wahdu illi l-ligi domestika ma kenitx tipprevedi d-dritt ghall-assistenza legali meta l-persuna suspettata kienet tinsab fil-kustodja tal-pulizija hija bizzejjed sabiex ikun hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6:

"**60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, *Salduz*, cited above, § 56; *Navone and Others v. Monaco,* 24 October 2013; *Brusco v. France*, October 2010; and *Stojkovic v. France and Belgium*, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, *Dayanan v. Turkey*, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; *Yeşilkaya v. Turkey*, no. 59780/00, 8 December 2009; and *Fazli Kaya v. Turkey*, no. 24820/05, 17 September 2013).**

**61. In respect of the present case, <u>the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see *Salduz*, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law</u>. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).**

**62. It follows that, also in the present case, <u>the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons</u> (see *Salduz*, cited above, §§ 52, 55 and 56).**

**63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.**"

Illi gie deciz illi l-qrati ma kellhomx jaghtu interpretazzjoni stretta tad-decizjoni Salduz vs Turkey kif sehh fil-kaz ta' Charles Steven Muscat fost ohrajn. L-Imhallef Pinto De Albuquerque[7] ighid hekk fl-opinjoni tieghu:

[7] Ara partly concurring and partly dissenting opinion of Judge Pinto De Albuquerque fid-decizjoni Mario Borg vs Malta

**"the interpretation of *Salduz* by the Constitutional Court of Malta is in breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character". .... Be that as it may, in the light of the repetitive findings of violations of Article 6 § 3 (c) of the Convention by this Court, the Maltese Constitutional Court should correct its trajectory and return to its initial Convention-friendly interpretation of *Salduz*."**

Imbaghad fil-kawza Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine (13.06.2014) gie deciz: **–**

**"The Court reiterates the principles developed in its case-law, according to which the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, although not absolute, is one of the fundamental features of the notion of a fair trial. As a rule, access to a lawyer should be provided from the first time a suspect is questioned by the police, unless it can be demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there were compelling reasons to restrict this right (see *Salduz v. Turkey* [GC], no. 36391/02, § 55, 27 November 2008). The right to mount a defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police questioning without access to a lawyer are used for a conviction (ibid.). While a defendant in criminal proceedings may, under various circumstances, waive his right to legal representation, such a waiver may not run counter to any important public interest, must be unequivocally established, and must be attended by minimum safeguards commensurate with the waiver's importance."**

Maghdud dan allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma'l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni *ad hoc* li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta'l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).

Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xortwahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6(3)[8] u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.

**"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.**

**32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see *Salduz*, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects**

[8] Dayanan vs Turkey – 7377/03 deciza 13/10/2009

**of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.**

**33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see *Salduz*, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody.**" (sottolinjar tal-Qorti)

Fil-fatt fid-decizjoni Brusco vs Franza[9] gie deciz:

**"La Cour constate également qu'il ne ressort ni du dossier ni des procès-verbaux des dépositions que le requérant ait été informé au début de son interrogatoire du droit de se taire, de ne pas répondre aux questions posées, ou encore de ne répondre qu'aux questions qu'il souhaitait. Elle relève en outre que le requérant n'a pu être assisté d'un avocat que vingt heures après le début de la garde à vue, délai prévu à l'article 63-4 du code de procédure pénale (paragraphe 28 ci-dessus). L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."**

Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta[10] fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta'l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:

**"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose.""**

Ghalhekk fid-dawl tad-decizjonijiet hawn fuq iccitati din il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija ta' l-appellanti rilaxxjata fit-12 ta' Gunju, 2008.

[9] 1466/07 – 14/10/2010 The Court also notes that it does not follow either the file or the minutes of evidence that the applicant had been informed at the beginning of his examination of the right to remain silent, not to respond to questions, or to not answer the questions he wanted. It further notes that the applicant had been assisted by a lawyer twenty hours after the start of the custody period provided for in Article 63-4 of the Code of Criminal Procedure (see paragraph 28 above). The lawyer was therefore unable either to provide information on his right to remain silent and not to incriminate before his first interrogation or assist during the deposition and during those which followed, as required by Article 6 of the Convention

[10] 02/07/2015 – 34373/13

Raymond Calleja spjega kif l-imputat kien jahdem bhala *delivery man* man-negozju tieghu mill-2004 sa Gunju 2007 meta kien sab hafna flus nieqsin. Kien ipprova jaghmel kuntatt mal-imputat izda dan ma wegibx u ma kienx irritorna ghax-xoghol.[11] Jixhed li sussegwentement kien kellem lill-imputat fejn dan kien accetta li kellhu jaghti madwar LM5,000 li kien gabar mal-hwienet u ffirma Dok.RCX.[12] Wara ezercizzju aktar approfondit kien rrizulta li l-ammont kien ta' madwar Lm10,00 kif jixhed Dok. RC1,[13] lista ta' dawn il-flejjes dovuti, kif ukoll l-invoices relattivi Dok. RCX1-RCX178 li fuqhom jidher il-kliem *"Paid E Zammit".[14]* L-imputat kien anke stqarr ma Calleja li kellu jaghti xi flejjes lil terzi u kien ghalhekk li ghaddielhom 14 il-ktieb tal-*invoices* bhala garanzija.[15]

Xehdu diversi sidien ta' hwienet li jikru d-DVDs li kienu jinxtraw minghand il-parte leza u li kkonfermaw li kienu jhallsu cash lill-imputat u anke esebew l-*invoices* fejn l-imputat kien iffirma quddiemhom li kien gie mhallas: John Caruana (Dok. JC1-JC15),[16] Luke Agius (Dok.LA1-19),[17] Jean Paul Abela Cacallaro (Dok. JP1-JP30),[18] Victoria Micallef (Dok.VM1-12),[19] Alan Cassar (Dok.BO1-BO11), [20] Antoine Zahra (Dok. AZ1-AZ16) ,[21] James Azzopardi (Dok. JA1-JA22),[22] Noel Ciantar (Dok. C1-C12),[23] Frank Bartolo (Dok. FB1-FB14), [24] Paul Borg (Dok. PB1-PB7)[25], William Hayles (Dok. WH1-WH3),[26] Adrian Cutajar (Dok. AC1-AC21),[27] Silvio Ellul (Dok. SE1-SE15),[28] Raymond Farrugia (Dok. RF1-RF12).[29] Wara li Raymond Calleja esebixxa 93 *invoice* ohra (Dok.Z1-Z93)[30] li jappartjenu lill diversi sidien ta' hwienet ohra, l-imputat dikjara quddiem il-Qorti li effetivament kien minnu li dawn hallsu lilu w in vista ta dan il-prosekuzzjoni giet ezentata milli tressaq l-istess sidien sabiex issir il-prova rikjesta.

L-imputat ghazel li jixhed u jghid li kien ideccieda min rajh li jieqaf jahdem mal-parte leza. Darba minnhom kien mar ghandu l-parte leza li kien qallu li kellhu 15

---

[11] Fol.37
[12] Fol.222
[13] Fol.42-48
[14] Fol.49 et seq
[15] Fol.39
[16] Fol.234-249
[17] Fol.250-269
[18] Fol.296-329
[19] Fol.361 et seq.
[20] Fol.366-8
[21] Fol.369
[22] Fol.371
[23] Fol. 374
[24] Fol.376
[25] Fol.398-407
[26] Fol.408-413
[27] Fol.414-416
[28] Fol.432
[29] Fol.417
[30] Fol.437 et seq

il-ktieb tal-*invoices* nieqsa b'LM1500 xoghol fuq kull wiehed. Gara izda li peress li kien biddel il-vettura, jgid li kien nesa l-kotba fil-vettura l-ohra. L-imputat jikkontendi li hu lill-parte leza kien ihallsu izda dan ma naqqasx l-ammonti lilu mhallsa. Jammetti li meta l-parte leza kien mar d-dar ikellem lil omm l-imputat u qalilha li hu kellu jiehu ghoxrin elf Lira Maltin u ghalhekk jekk tigi nieqsa hi jkun hemm id-dar garanzija, l-imputat kien nizel ghalih b'sikkina. L-imputat ikompli li hu kien skopra li l-parte leza kellhu bzonn xi self tal-istess ammont ta' Lm20,000 izda dan is-self il-bank ma accettax li jsir. B'dan issuspetta li s-somma ghalhekk kien nefaha b'dak il-mod meta effetivament kellha tkun inqas. L-imputat esebixxa diversi dokumenti li skond hu juru li l-amonti dovuti kienu thallsu lill-parte leza fi flus kontanti jew b'cekkijiet. Id-dokument preparat minnu a fol.464 jghid *"Minhabba li il-hwienet ma kinux ihallsu ma delivery kont inhallas skont ir-raba kolonna fejn hemm miktub "Payment"."* In vista ta' dak li xehdu diversi sidien ta' hwienet, il-Qorti tara li difficli jitwemmen l-imputat dwar dan il-fatt. Ma inghabet ebda prova sabiex tissostanzja imqar remotament dak li qed jallega l-imputat.

Illi lanqas jista' jinghad li ngabet prova li mill-*invoices* esebiti, huwa l-ammont intjier taghhom li gie approprijat indebitament mill-imputat. Wiehed kien jistenna li l-prosekuzzjoni ggib prova ta' dak li effetivament baqa ma thallasx lill-parte leza wara li ngabar mill-imputat. Possibli li dawk id-dvds kollha elenkati fl-*invoices* rispettivi baqaw ma thallsux? Is-sistema mhaddma mill-parte leza dwar kif kien jithallas, fejn anke b'ammissjoni tieghu, l-imputat kien jithallas b'*commissions* ukoll, turi li effetivament dan l-ammont kien jinhadem fuq dak li jkun biegh l-imputat. Mela xi hlas kien qed jidher? Jekk is-sistema kienet dik ta' *cash on delivery*, ftit jaghmel sens li ghaddew xhur u snin qabel ma rrizulta li mhux il-pagamenti kollha kienu qed jghaddu ghand il-parte leza.

Punt iehor rilevanti hu li l-prosekuzzjoni naqset milli tipproduci bhala xhud min ikompila l-lista esebita u dan meta, fi kliem Calleja meta mistqosi kif kien wasal ghal din il-lista u allura l-ammont li kien ghadu dovut jirrispondi, *"…..Ghamilt daqxejn, qabbad wahda, li tigi minni, li tara daqxejn fuq dan….u skoprejna li kien hemm ammont kbir…."*[31]. Certament dan mhux mod li kellha ssir id-debita prova dwar kif giet kompilata l-lista, ir-*reconciliation of accounts* bejn dak li kien ibiegh l-imputat u dak li effetivament kien hallas lil parte leza.

Illi l-prosekuzzjoni rrinunzjat anke ghal parte leza l-ohra u cioe ghal George Galea[32] u dan meta Calleja jsemmi li l-ezercizju inizjali kien sar ma Galea li jidher firmatarju fuq Dok. RCX.[33]

---

[31] Fol.37
[32] Fol. 220
[33] Fol.37, 41, 222

Il-Qorti ghalhekk issa ser tikkunsidra jekk jirrizultax ir-reat tal-approprijazzjoni indebita.

Illi l-approprjazzjoni indebita hija ikkontemplata fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lil hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tal-persuna akkuzata.

"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe` tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffigurax l-element tal-azzjoni ndebita.
3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;
4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*
5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor"[34]

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li isawwru dana ir-reat.

"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;(sottolinjar tal-Qorti) (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li ikun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqslikieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:
"*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[35]

---

[34] Il-Pulizija vs Marbeck Cremona - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – 15/02/2007
[35] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta' Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deciza fl-14 ta' Frar 1997, l-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana ir-reat:

"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."

Illi finalment dwar id-dolo mehtieg ghal kumissjoni ta' dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

*"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita'e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi mill-esposizzjoni legali ta' l-elementi mehtiega dwar ir-reat tal-misapproprazzjoni jidher illi dana ir-reat huwa ibbazat fuq l-abbuz tal-fiducja li tkun giet fdata lill-agent. Dana l-abbuz jissarraf fil-fatt illi l-agent idawwar oggett li ikun gie fdat lilu ghal ghan specifikat f'uzu differenti minn dak patwit tal-oggett ikkonsenjat, liema uzu divers madanakollu irid ikun sar b'mod intenzjonali mill-agent bl-ghan li jaghmel profit minnu ghalih innifsu. Dana l-agir minn naha tieghu

ma iridx jammonta ghal semplicement uzu tal-oggett, izda l-agent irid iqies illi dak l-oggett sar proprjeta' tieghu u ghalhekk jaghmel uzu minnu bhala sid tieghu u dana bi profitt ghalih.[36]

Mill-atti processwali ma jifdalx dubbju li l-fatti specie ta' dan il-kaz jinkwadraw riwehom f'dan ir-reat. Dwar l-ammont tar-*res furtiva* l-Qorti hi kostretta, ghal ragunijiet li gja sar accenn ampju ghalihom, tistrieh fuqu l-Qorti hu dak accettat mill-imputat bhala dovut minnu u cioe' dak ta' LM5,000 ekwivalenti ghal €11,646.87.

Gew esebiti diversi sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat Dok.IA3-Dok. IA7[37]fejn, ghajr ghal Dok.IA6, jirrizultaw il-konnotatati tal-imputat odjern.

Illi l-Qorti ma gietx mitluba iddahhal fis-sehh is-sentenza sospiza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar id-19 t' April, 2007, u ghalhekk din ser isservi biss ghall-finijiet sabiex issir il-prova tar-recidiva (Dok.IA4) kif del resto ser isservi ukoll is-sentenza tat-3 ta' Gunju, 2004 (Dok.IA5) moghtija mill-istess Qorti diversament preseduta. Ghalhekk it-tieni imputazzjoni giet soddisfacentement ppruvata.

Illi fl-atti gew ezebiti sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datati l-14 ta' Novembru, 2005 (Dok.IA3), u fit-28 ta' Gunju, 2005 (DOk.IA7), rispettivament fil-konfront tal-imputat. Jirrizulta li l-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza huma identici ghall-konnotati ta' l-imputat odjern. Infatti jirrizulta li l-imputat, permezz ta' dawn is-sentenzi, fuq ammissjoni tieghu stess, instab hati tar-reati addebitati u tpogga taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn u tlett snin rispettivament. Kwindi huwa ben evidenti li l-imputat kisser tali ordni ghaliex l-akkuzi odjerni jirrisalu ghall-Dicembru 2007 u fix-xhur u snin ta' qabel, u ghalhekk fit-terminu operattiv tas-sentenzi impost fuqu. Ghalhekk t-tielet imputazzjoni tirrizulta ppruvata u din il-Qorti se titratta mal-imputat kif jipprovdi l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dawk il-proceduri l-imputat kien gie akkuzat kif gej:–

i. Is-sentenza tal-14 ta' Novembru, 2005 (Dok.IA3) kienet tirrigwarda akkuzi ta' pussess ta' droga eroina bi ksur tat-Taqsima 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tar-regolament 9

---

[36] The Police vs Keith Arthur Mayho, deciza fl-4 ta' Frar, 2013, Magistrat Dr Neville Camilleri. Ara ukoll Il-Pulizja vs Anthony Vassallo deciza fid-29 ta' Settembru, 2014 u Il-Pulizja vs Anthony Scicluna, deciza fil-11 ta' Jannar, 2016, Magistrat Dr Josette Demicoli.

[37] Magistrat Dr. Lawrence Quintano-14.11.2005; Magistrat Dr. Audrey Demicoli – 19.04.2007; Magistrat Dr. Michael Mallia – 03.06.2004; Magistrat Dr. Noel Cuschieri – 25.07.2002; Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera – 28.06.2005

tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluċi (G.N. 292/1939), Legislazzjoni Sussidjarja 101.02; u

ii. Is-sentenza tat-28 ta' Gunju, 2005 (DOk.IA7), kienet ukoll tirrigwarda akkuzi ta' pussess ta' droga eroina bi ksur tat-Taqsima 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluċi (G.N. 292/1939), Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, serq aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-persuna u bil-lok, pussess ta' medician ristretta u psikotropika bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali22 tal-1985 kif sussegwetement emendat, l-artikoli 40A u 120(a), t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985, bi ksur ta' ordni ta' probationmoghtija Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 t' Ottubru, 1998, u fl-ahhar nett li kien recidiv.

Ghalhekk din il-Qorti trid tinfliggi piena fuq l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet li taghhom kien instab hati. Fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief li timponi piena karcerarja. Bhala piena l-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija f'dawk il-proceduri.

Illi inkwantu ghall-piena rigward l-akkuzi odjerni, din il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tieghu li hija wahda li tohloq preokkupazzjoni kbira ghal din il-Qorti. Jirrizulta li l-imputat ghandu diversi kundanni kemm fuq pussess ta' droga, serq, falsifikazzjoni u frodi. Jirrizulta li l-imputat inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna biex ifittex l-ghajnuna u jibdel hajjtu izda huwa ovvju li hu ghazel li jarmi dawn l-opportunitajiet. Ghalhekk din il-Qorti tqis li m'ghandhix alternattiva hlief li timponi piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294, 310[38] tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tikkundannah **4 snin prigunerija**.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputat instab hati tal-hdax l-imputazzjoni, u cioe li wettaq reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' zewg ordnijiet ta' probation tal-14 ta' Novembru, 2005 u tat-28 ta' Gunju, 2005 maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qed tittratta mieghu, ghall-imputazzjonijiet li dwarhom huwa kien tpogga taht tali ordnijiet daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, kif gej:

---

[38] Qabel l-emendi li sehhew bl-Att XXIV tal-2014

Fir-rigward tal-ewwel sentenza, wara li rat it-Taqsima 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939), Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, tikkundannah ghal **sitt (6) xhur prigunerija u multa ta' sitt mitt Euro (€600)**.

Fir-rigward tat-tieni sentenza, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261, 263(a), 267, 268(b), 269(g), 278, 279 280, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsima 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939), Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, u tal-artikoli 40A u 120(a) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal **sbatax (17) il-xahar prigunerija u hlas ta' tmien mitt Euro (€800).**

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut u kif ukoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-konfiska tal-oggetti esebiti billi ma jirrizultawx li gew esebiti oggetti konfiskabbli skond il-ligi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**